MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 131/2000

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NEVILLE AQUILINA**

**KONTRA**

**FRANCIS BEZZINA ta' 45 sena, iben Paul u Doris nee' Sciberras, imwieled nhar it-02.03.1965, residenti fil-fond DorPaul, 58, Triq l-Ghakkies, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 141165M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra 'l hawn fuq imsemmi **Francis Bezzina** li gie akkuzat talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fit-08.03.1996 u f'dawn l-ahhar tnax(12)-il xahar qabel din id-data, forma jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga specifikata fl-

Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u minghajr ma kienx fil-pussess awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta’ l-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Droga Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fl-istess data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta’ l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta,.

Rat li ghal tali akkuzi l-imputat kien wiegeb li ma kienx hati.

Rat li fi stadju ta’ dawn il-proceduri din il-Qorti kienet gibdet l-attenzjoni tal-partijiet bin-nuqqas tal-gurament tar-

rapport u ta’ l-interrogatorju – konsegwentement l-Avukat Generali baghat rinviju taht l-Artikolu 432(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Konsegwentement inqrat l-akkuza u sar id-debita nterrogatorju. Hawn l-imputat rega’ wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi lilu addebitati.

F’dan l-istadju l-Avukat Difensur kien ezenta lill-Prosekuzzjoni milli terga’ ttella’ x-xhieda gia’ mismugha. In kwantu ghan-notifika gdida, giet anke ecepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ pussess semplici.

Rat ukoll li aktar tard fil-mori tal-proceduri giet mahruga l-Kontro Ordni taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ukoll illi l-imputat fi stadju ta’ dawn il-proceduri ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat ix-xhieda kollha prodotta, b’mod saljenti dawk ix-xerrejja ta’ l-eroina u kokaina minghand l-imputat, u cioe’ Godfrey Gambin, Jason Spiteri, Jerry Rapinett, Alexander Psaila, u Sandra Agius.

Rat ukoll ir-relazzjoni ta’ l-espert forensiku Dr A Abela Medici fil-konfront tas-sustanza misjuba ghand l-imputat.

Semghet ukoll ix-xhieda ta’ l-Ufficjali tal-Pulizija nvoluti f’dan ir-raid, dwar l-involviment ta’ l-imputat fir-rigward ta’ l-akkuzi lilu addebitati.

Ikkunsidrat:

In vista’ ta’ l-ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta’ Francis Bezzina wara li fl-ewwel lok rat l-Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, dan fir-rispestt ta’ l-eccezzjoni sollecitata mid-Difiza, rat ukoll ir-Regolament 4 u 8 tal-GN 292.1939, kif ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena semghet it-trattazzjonijiet tal-partijeit, rat it-tul ta’ zmien li hadet din il-kawza biex ingabru x-xhieda kollha tal-Prosekuzzjoni, rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat, qieset il-hsara kbira li l-azzjoni ta’ l-imputat

ghamlet fuq is-socjeta’, tqis illi ghandu jbaghti piena karcerarja ta’ sentejn (2) u li jkun ikkundannat ghal multa ta’ €2,330.

Dwar l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti nnutat li tali spejjez mhux kwantifikati fl-atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------